MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 597/2002/1

**Casha Michael**

**vs**

**Busuttil Louis u fil-mori ta' din il-kawza l-atti gew trasfuzi f' isem Franco Busuttil, Jean Paul Busuttil u Liana Schembri Wismayer ilkoll ahwa Busuttil**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Gunju 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentata fil-11 ta' Marzu, 2002, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u wiehed u sittin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm361.10) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol u materjal rezi u ezekwit fuq ordnijiet tieghu.

Ra r-risposta tal-konvenut, fejn intqal Illi l-konvenut jikkontesta t-talbiet attrici u dan ghar-ragunijiet li gejjin, kif ukoll ghal dawk ir-ragunijiet kollha li jirrizultaw tul it-trattazzjoni tal-kawza :
i. Illi l-ammont reklamat ma huwiex dovut billi l-konvenut issupplixxa hu stess a spejjez tieghu materjal u xogholijiet ohra li l-konvenut uza biex jespleta l-inkarigu lilu moghti.
ii. illi l-ammont reklamat ma huwiex inoltre dovut billi l-attur ma ghamilx ix-xogholijiet ma sarux skond il-kont u inoltre billi ma sarux a sodisfazzjon tal-konvenut.
iii. Illi inoltre, l-attur ikkawza danni lill-konvenut fl-esekuzzjoni tax-xogholijiet u l-konvenut jirriserva kull azzjoni lilu spettanti fil-ligi.
iv. Illi l-attur ghad ghandu jigbor minghand il-konvenut xi materjal li halla fir-residenza tal-konvenut.

Semgha x-xhieda ta’ Michael Casha, Therese Busuttil, Il-Perit Patrick Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ra d-digriet tal-1 ta’ Frar, 2005, li bih gie mahtur bhala Parit Tekniku l-Perit Arkitett Patrick Camilleri. Ra r-rapport tal-istess Perit mahluf fit-8 ta’ Marzu, 2005.
Ikkunsidra :
1. Il-kawza qieghda ssir ghal hlas ta’ bilanc ta’ prezz ta’ xoghol u materjal li l-attur ghamel lill-konvenut.
2. Jirrizulta illi dan ix-xoghol kien jikkonsisti fi tqeghid ta’ *tegole* fil-villa tal-konvenut St Andrews. L-ammont ghall-ispejjez ta’ materjal u labour kien ta’ tlett mija u wiehed u sittin lira u ghaxar centezmi (Lm361.10). Ix-xoghol sar fis-sena 2001.
3. Skond l-attur ghat-« tegole » kien hallas ghalihom hu stess kif ukoll hallas ghal parti mill-istruttura li fuqhom kienu ser ikunu it-tegole. L-attur ighid li ma kienx hemm ilmenti dwar ix-xoghol tant li qabbduh jaghmel xoghol iehor ukoll. Theresa Busuttil mart il-konvenut tikkonferma li kienu ordnaw dan ix-xoghol ta’ tegole. Tikkonferma ukoll li l-attur kien hadmilhom drabi ohra u li kienu kuntenti bix-xoghol li kien ghamel precedentement.

4. Dwar ix-xoghol tat-tisqif bit-tegole, Theresa Busuttil ilmentat illi s-saqaf kien fih xi xquq u l-konvenut kien cempillu biex imur jirrangah.
5. In vista tan-natura teknika tal-kaz, it-Tribunal innomina lill-Perit Tekniku l-Perit Patrick Camilleri sabiex jaccedi fuq il-post u jirrapporta fir-rigward.
6. It-Tribunal jinnota in partikolari l-opinjoni tal-Perit dwar ix-xoghol li sar. Jinnota wkoll li l-perit ikkonkluda illi l-pannelli nqasmu minhabba d-dettal hazin ta' kif gew immincottjati l-kurrenti, u f'kaz wiehed minhabba l-uzu ta' materjal difettuz. Il-perit innota wkoll illi «sabiex tissewwa l-hsara, wiehed irid izarma t-tegole, (dawn pero' jistghu jergghu jintuzaw), izarma l-kurrenti u l-pannelli, jqieghed pannelli godda u kurrenti godda ta' injam aktar ohxon u jerga' jarma t-tegole.
7. Jirrizulta ghalhekk illi l-piz tat-tegole gie trasferit direttament ghal fuq il-pannelli. Gie nnutat ukoll li l-kurrenti huma kemm xejn zghar ghal wisa' u piz li qeghdin igorru, apparti li kien hemm kaz fejn kurrent ta' l-injam inqasam minhabba l-ezistenza ta' ingropp.
8. Tenut kont ta' dan kollu jirrizulta illi z-zewg partijiet ghandhom igorru r-responsabbilta' ghal dak illi gara. Fl-ewwel lok l-attur ghandu ragun in parti jghid li parti mill-hsara giet ikkagunata minhabba kif tqieghdu l-pannelli, liema pannelli kienu tqieghdu mill-konvenut li kien qabbad in-nies biex ilestu l-bazi. Dawna kellhom responsabbilta' illi jaraw illi l-bazi tkun tiflah ghat-tegole.
9. Mill-lat l-iehor l-attur li huwa tas-sengha fit-tqeghid tat-tegole kellu jaccerta ruhu illi l-bazi tista' tiehu l-piz li kien qed ipoggi.
10. Tenut kont ta' dan it-Tribunal hu tal-fehma illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur is-somma ta' mija u tmenin lira u tnejn u hamsin centezmu (Lm180.52).

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mija u tmenin lira u tnejn u hamsin centezmu (Lm180.52).

L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-Perit Tekniku nominat mit-Tribunal ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet."

L-attur hassu aggravat b' din is-sentenza u appella minnha. Bazikament, huwa jissottometti illi t-Tribunal ma mexiex skond l-ekwita` meta addossa fuqu responsabilita` in parte ghal xoghol hazin kommess minn terzi;

Il-fatti ewlenin f' dan il-kaz ma jidhrux li huma in kontestazzjoni. L-attur appellant gie kommissjonat mill-konvenut ipoggi "*tegole*" fuq is-saqaf ta' *washroom* fil-villa tal-konvenuti. Il-bazi ghat-tqeghid taghhom kienet tlestiet minn terzi nkarigati mill-konvenuti. L-espert tekniku nominat mit-Tribunal stabbilixxa, fuq il-konstatazzjonijiet tieghu, illi l-pannelli tal-bazi kienu inadegwati kemm ghal dak li hu dettal u immincottjar tal-kurrenti ta' l-injam. Huwa inidividwa wkoll illi f' kaz minnhom intuza materjal difettuz. B' konsegwenza ta' dan, il-bazi ma felhetx ghat-toqol tat-*tegole* u zviluppa qsim fil-pannelli;

Fuq dawn il-fatti u verifiki t-Tribunal iddetermina li l-appellanti kien hu wkoll fi htija, anke jekk mhux kompletament, billi dan naqas li jaccerta ruhu mill-idonejeta tal-bazi u jekk din kienetx adegwata biex terfa' l-piz tat-*tegole*. Huwa dan ir-ragonament li l-appellanti qed jikkontesta. Huwa jilmenta li t-Tribunal ma kellux jasal ghall-konkluzjoni ta' konkors ta' kolpa fih ghal xoghlijiet ezegwiti minn haddiehor u meta ma kienx hemm kwestjoni ta' xi adempiment inezatt jew difettuz fl-ezekuzzjoni tax-xoghol proprju tieghu tat-tqeghid tat-*tegole*;

Fl-istitut ta' l-appalt taht il-ligi taghna ma nsibu ebda disposizzjoni specifika li tiddixxplina kazijiet ta' inadempiment. Rikors allura jrid isir ghall-principji generali stabbiliti fil-Kodici Civili dwar l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet. In partikulari, dak statwit fl-Artikolu 1132 (1) li jippreciza l-mudell tad-diligenza li wiehed ghandu juza fl-ezekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni. Mudell dan imfassal skond il-metru tal-*bonus paterfamilias*;

Innegabilment, l-obbligu primarju ta’ l-appaltatur, li jassumi l-inkarigu li jwettaq l-opra lilu kommissjonata, huwa dak li josserva u jhares in-normi ta’ l-arti u tas-sengha fl-ezekuzzjoni ta’ din l-istess opra. Skond id-duttrina legali u l-gurisprudenza dan l-obbligu jikkomprendi li hu jippresta kapacita` ordinarja kif ukoll “*quella diligenza e quella perizia ordinaria che gli è imposto dalla natura del contratto*” (**Kollez. Vol. XXVII P I p 374**). Gie ripetut diversi drabi illi “l-appaltatur ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b’ mod li ‘l quddiem juri difetti. F’ kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigru ‘l quddiem” (“**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia *et nomine***”, Appell Kummercjali, 27 ta’ Marzu 1972);

Naturalment l-attur appellant jista’ jobbjetta illi huwa kkonforma ruhu mad-dettami ta’ l-arti fl-ezekuzzjoni ta’ l-opra specifika tieghu u ghalhekk, gjaldarba ma rrizultawx vizzji f’ xi parti tal-lavorazzjoni tieghu, huwa ma kellux jitqies kolpevoli tal-hsarat li sehhew. Kif taraha din il-Qorti din il-proposizzjoni mhix kompleta u ghal kollox korretta;

Bla dubju, l-attur, *qua* appaltatur, kien jiddisponi minn diskrezzjonalita` teknika fil-mod tal-konduzzjoni u ezekuzzjoni ta’ l-opra tieghu. Dan sal-punt li hu sahansitra fakoltizzat li ma joqghodx ghall-ordnijiet ta’ l-arkitett jew tal-kommittent “*che egli vedesse pregudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell’ arte*” (**Kollez. Vol. XXV P I p 727**);

Mhux hekk biss pero`. Fl-obbligu impost fuqu skond dawk l-istess regoli huwa kellu qabel xejn jivverifika jekk il-bazi realizzata minn terzi, u li fuqha kellu jqieghed it-*tegoli*, kienetx soda u adegwata bizzejjed biex isservi ghall-piz addizzjonali taghhom, jiddenunzja kull difett li jiskopri u, f’ kaz ta’ vizzji hekk skoperti, jastjeni milli jaghti ezekuzzjoni

ghall-appalt moghti lilu. Fi kliem iehor, ghar-realizzar ta' opra, teknikament idonea u ghas-sodisfaciment tal-kommittent, hu kellu d-dover li qabel xejn jikkontrolla u jirrendi ruhu edott minn xi karenzi fl-istruttura tal-bazi. Karenzi dawn li setghu gew rilevati, jew kienu hekk rilevabbli, skond il-kriterji tad-diligenza normali, dejjem, s' intendi, fil-limiti tal-kompetenza teknika tieghu. Fil-kaz konkret dan ma jidherx li sar jew, ghallanqas, l-attur-appaltatur ma pprovax li hu diligentement ghamel din il-verifika u ma rriskontrax dawk id-difetti, li gew eventwalment skoperti u kummentati mill-perit tekniku. Hu proprju dan in-nuqqas li t-Tribunal jippenalizza, bl-applikazzjoni tar-riduzzjoni salomonika tas-somma reklamata;

Fic-cirkostanzi, l-appellant ma jistax ragonevolment allura jippretendi li din il-Qorti titbieghed mill-konkluzjoni tat-Tribunal. Konkluzjoni li jidher li hadet ekwament qies tal-fatt illi kien jikkompeti b' obbligu fuq l-attur li jindaga dwar in-natura u l-istabilita` tal-bazi qabel ma jaghti bidu ghax-xoghol affidat lilu. Indiskutibilment l-ezekuzzjoni tajba skond ir-regoli ta' l-arti kienet tiddettalu li qabel xejn jaccerta ruhu dwar jekk l-istruttura tal-bazi kienetx adegwata, rispett ghat-taghbija fuqha tat-*tegoli*. F' dan il-kaz il-kontroll mill-appellanti kien assenti, u dan gab li l-obbligu ta' dik id-diligenza li tippuntwalizza l-ligi ma giex pjenament, u sodisfacentement, osservat minnu.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------